**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta’ Novembru 2016

Rikors Nru : 401/16 AL

**AB**
**U**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi huma zzewgu f’Malta f’Tas-Sleima fil-parrocca ta’ San Girgor nhar it-tlieta u ghoxrin ta’ Settembru elf disa’ mija u disghin (23/9/1990) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru progressiv ta’ elf seba’ mija u tnejn u hamsin tas-sena elf disa’ mija u disghin (1752/1990) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom, twieled Z nhar it-22 ta’ Mejju 1994;
3. Illi Z illum ghandu 22 sena u jattendi l-Universita’ ta’ Malta;

4. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Elizabeth Sciriha tat-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (08/06/2006) kopja annessa u mmarkata Dok B;
5. Illi ghaldaqstant ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;
6. Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
7. Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li l-manteniment dovut lill-minuri kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom dejjem thallas puntwalment;
8. Illi dan kollu huwa debitament konfermat fl-affidavits tal-esponenti, anness u immarkat Dok C u Dok D rispettivament;
9. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata id-divorzju;

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Awissu, 2016;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-8 ta' Gunju 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.